MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Numru 311/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Maria Stella Cutajar)**

**v**

**Vince Cucciardi ta’ 40 sena b in Vince u Stella nee Azzopardi, imwieled Senglea fid-19/03/1959 u joqghod 41, Triq il-Grigal, Senglea detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 212559 (M)**

**Frankie Pace ta’ 19 sena bin Lawrence u Mary nee Psaila, imwieled Pieta’, fl-4/07/79 u joqghod 75, Triq is-Sur, Isla, detentur tal-karta tal-identita’ 319769 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Vince Cucciardi u Frankie Pace li gew akkuzati talli nhar it-18 ta’ April, 199 wara 8.00 p.m. gewwa Senglea bil-hsieb li jikkommettu serq ta’ somma flus u oggetti ta’ inqas minn Lm 1000 ghad-dnnu ta’ Emanuel Azzopardi, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex ezekwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom, liema tentattiv ta’ serq huwa kkwalifikat bl-ammont, mezz u hin.

Illi aktar talli lil Frankie Pace wahdu fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b’xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lil Vince Cucciardi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien gie preparat jew ikkunsmat skond l-art 42(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju Frankie Pace kien irregistra nuqqas ta’ oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll li f’dan l-istadju rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Illi ghalhekk din il-kawza, in vista li sar is-separazzjoni tal-gudizzju, hija **biss** fil-konfront ta’ **FRANKIE PACE** ( a fol 55). Anke wara l-istess separazzjoni tal-gudizzju, Pace zamm ferm l-ammissjoni tieghu.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti fil-mori ta’ din il-kawza, li ttawlet inutilment, kellha opportunitajiet tapprezza l-progress jew nuqqas tieghu fil-kaz ta’ l-akkuzat. Hija l-opinjoni ta’ din il-Qorti li fil-fatt Pace ma tghallem xejn u ma gharafx jiehu dawk l-opportunitajiet lilu moghtija ghal diversi drabi biex jirriforma hajtu.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 41, 261, 263, 267, 270, 278, 280, 31, 42, 149, 50, 17 tal-Kapitlu 9 qed issibu hati

ta' l-istess u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------